MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 164/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Daniel Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta’ Frar, 2008, ghall-habta tas-2.00 hrs, fi Triq il-Panoramika, Dingli Cliffs, Had-Dingli,
1. saq il-vettura numru CBB 493 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq (licenzjata mhux rinnovata);
2. ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Mejju, 2008, li biha, wara li rat ir-Reg. 14(1) u 51(7)(a) tal-A.L. 476/2004, l-

artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-piena ta' Euro 151.41 multa ekwivalenti ghall-LM65 fuq l-ewwel akkuza w ghall-piena ta' Euro 2,329.37 multa ekwivalenti ghall-LM1000 fuq it-tieni akkuza.
Bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104, skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Gunju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe' li l-unika prova tal-prosekuzzjoni kienet l-affidavit tal-Pulizija. Dan l-affidavit ghandu jigi skartat peress li kull prova li ttiehdet mill-Pulizija saret minghajr ma nghatat qabel il-kawzjoni w twissija lill-appellant li kull haga li tista' tinghad tista' tingieb bhala prova kontieh fil-proceduri kriminali. Fl-assenza ta' din it-twissija, gie miksur id-dritt tal-appellant li ma jinkriminax lilu nnifsu u li ghazel li jwiegeb quddiem l-awtoritajiet kompetenti, w dan bi ksur ta' dak li jghid kemm il-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll il-Kostituzzjoni. Ghalhekk l-affidavit kellu jigi skartat u kwindi ma hemm ebda prova kontra l-appellant.

Semghet ix-xiehda ta'  Stephen Cachia, rapprezentant tal-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta w qieset l-affidavits ta' PS 163 Robert Azzopardi, PC 729. K. Decelis u PC 142.R. Borda .

Semghet it-trattazzjoni.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 t' Ottubru, 2008, li bih din il-Qorti tat lill-appellant hmistax il-jum zmien biex, jekk irid,

jiddeduci t-talba tieghu ghall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu quddiem il-Qorti kompetenti w iddifferiet il-kawza *sine die* sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' tali proceduri kostituzzjonali;

Rat li l-appellant ma ghamilx dan fiz-zmien lilu moghti;

Rat id-Digriet taghha li bih regghet appuntat il-kawza mill-gdid ghas-smiegh ghall-udjenza tal-20 ta' Mejju, 2009 ghat-trattazzjoni finali w sentenza;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghal-lum ghall-istess skop;

Semghet it-trattazzjoni ulterjuri;

Ikkonsidrat;

Illi l-principji regolaturi ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilita' tal-istqarrija tal-akkuzat huma s-sewgenti. Kull haga li l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li dik il-konfessjoni tkun giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghlha jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi (Art. 658 tal-Kodici Kriminali). Jekk il-konfessjoni saritx volontarjament jew le hi kwistjoni li trid tigi deciza mill-gurati w mill-gurati biss f' kaz ta' guri u, f' dal-kaz, mill-gudikant togat wahdu. (ara. Appell Kriminali : **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Emmanuel Farrugia**" [20.1.1989] Kollez.Vol. LXXIII, p.5 Sect. I p 1036 u ohrajn.)

Meta l-konfessjoni titnizzel bil-miktub fil-waqt li tigi maghmula, l-kitba ghandha tigi prezentata w biss jekk jigi pruvat li l-kitba giet meqruda jew mitlufa, issir prova bil-fomm, sabiex tigi pruvata s-sustanza ta' dik il-konfessjoni. Pero' anki fejn ikun hemm konfessjoni bil-miktub xejn ma jimpedixxi li tittiehed bhala prova kull konfessjoni ohra bil-fomm li tkun saret qabel jew wara (Art. 659). Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha w mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra (Art. 661 Kap.9).

Illi l-Police Act, Kap. 164 tal-Ligijiet ta' Malta, kif emendat, jaghti s-setgha lill-Ministru li jaghmel regolamenti biex johrog "Code of Practice" in konnessjoni mal-interrogazzjoni ta' persuni w fis-sub-inciz (2) jirriferi ghall-*Code of Practice for the Interrogation of* *Arrested Persons* (sottolinear ta' din il-Qorti) li jinsab fir-Raba Skeda annessa mal-istess Att. Is-sub-inciz (5) tal-istess artikolu umbaghad jiddisponi li :-

*"In all criminal and civil proceedings any such Code shall be admissible in evidence , and if any provision of such Code appears to the Court or Tribunal conducting the proceedings to be relevant to any question arising in the proceedings, it shall be taken into account in determining that question."*

Ghalhekk hu utili li jigu ezaminati uhud mill-provvedimenti li jinsabu fir-Raba Skeda li umbaghad jelenkaw diversi principji w rakkomandazzjonijiet li ghandhom jigu segwiti mill-ufficjali tal-Pulizija li jkunu qed jikkonducu interrogatorji ta' persuni taht arrest suspettati. Fost dawn insibu li l-aktar rilevanti ghall-kwistjonijiet in ezami huma s-segwenti :-

*2. Importance of statements.*

*"Since the statement of the person subject to questioning is of paramount importance as evidence, it is important that nothing is done during the interview which may, even in the slightest way, throw doubt on the validity of the statement and because of the statement's importance as proof, our courts are strict and meticulous in the criteria they have adopted to ensure that a statement is made in conformity with article 658 of the Criminal Code , that is to say the statement is made 'voluntarily and not extorted by means of threats or intimidation , or of any promise or suggestion of favour'."*

*4. Twiddiba.*

*" Il-persuna li tkun qed tigi interrogata ghandha d-dritt li tirrifjuta milli twiegeb ghal xi mistoqsija li ssirlu.*
*"Ghal dawn ir-ragunijiet, qabel ma ssir l-interrogazzjoni ta' persuna suspettata li tkun ghamlet reat, ghandha tinghata twissija jew twiddiba f' din il-forma li gejja:*
*"M' intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova."*

*Procedure for Drafting of statement.*

*"As far as possible, the statement* ***should contain the exact words used by the suspected person*** *without using official vocabulary. Where circumstances so indicate, the suspected person shall be allowed to write his own statement and this fact shall be registered in the statement itself." (emfasi tal-Qorti).*

B' dana kollu l-paragrafu 19 tal-istess Raba Skeda jghid ukoll li :-

***"The lack of observance of any of the provisions of this Code will not invalidate the statement, unless such non-observance nullifies the voluntariness of the statement.*** *However disciplinary proceedings may be instituted against persons who do not observe the provisions of this Code."* (emfasi w sottolinear ta' din il-Qorti)

Ghalhekk, anki fil-kaz ta' persuna arrestata jekk ma jinghatax il-"*warning",* dan minnu nnifsu ma jinvalidax il-volontarjeta' w kwindi wkoll l-ammissibilita' tal-istqarrija. Jigi rilevat pero' li f' dan il-kaz ma kien hemm ebda arrest tal-appellant u l-investigazzjoni li saret kienet wahda ta' rutina li saret fuq il-lok f' Had Dingli fejn l-appellant inqabad isuq vettura mill-ufficjali tal-Pulizija tal-Mobile Squad u fejn gie mistoqsi domandi li regolarment isiru minn pulizija lil sewwieqa fit-toroq.

Illi f' kaz analogu deciz minn din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano C.J.) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Ernest Cilia"** [17.4.2009], eccezzjoni simili, fejn gie

eccepit li ammissjoni tal-appellant mal-Pulizija li kien qed igorr tlitt itfal fuq motor cycle, ma kienetx ammissibbli ghax ma kienx inghata l-*"caution",* giet respinta u dik il-Qorti rriteniet li :-

*"Dan l-aggravju hu manifestament infondat u jirrazenta l-fieragh. Il-gurisprudenza kostanti u inveterata ta' din il-Qorti - anki kollegjalment komposta - kif ukoll tal-Qorti Kriminali hi fis-sens li anki meta persuna tkun taht arrest u jkun hemm interrogatorju formali da parti tal-Pulizija, in-nuqqas ta' twissija ma tirrendix l-ammissjoni "inammissibbli" bhala prova, izda tista' talvolta biss tincidi fuq il-volontarjeta' ta' dik l-ammissjoni, dwar liema volontarjeta' d-decizjoni tispetta lil min ghandu jiggudika dwar il-fatti. (ara, fost hafna ohrajn,* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emmanuel Farrugia"*** *20/1/1989). Addirittura anke l-Code of Practice tal-Pulizija dwar l-interrogazzjoni ta' persuni arrestati (l-appellant ma kienx taht arrest) li jinsab fir-Raba' Skeda tal-Kap. 164 jipprovdi, fil-partita 19, li 'In-nuqqas ta' osservanza ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dan il-Kodici ma jinvalidax l-istqarrija li tkun ittiehdet, kemm il-darba dak in-nuqqas ta' osservanza ma jkunx ixejjen il-volontarjeta' ta' l-istqarrija….." Ghalhekk fin-nuqqas ta' xi dispozizzjoni ta' ligi li tghid mod iehor, ir-regola ghadha li n-nuqqas ta' twissija ma tirrendix aprioristikament inammissibbli l-istqarrija li tkun saret."*

Ghalhekk il-Qorti trid tirregola ruha mill-principji generali fuq imsemmija b’ mod li fil-waqt li tassikura li ma jigux pregudikati l-interessi w d-drittijiet tal-akkuzat, ikun hemm bilanc bejn dawn u l-interess tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Illi diga gie affermat li jekk l-istqarrija tal-akkuzat hix wahda volontarjament maghmula jew le hi wahda li tispetta biss lill-gudikant togat u lill-gurati f' kawzi quddiem il-Qorti Kriminali komposti mill-gurija. Illi apparti li mhux korrett l-appellant meta jghid li l-Kodici Kriminali jiddisponi li trid tinghata xi kawzjoni jew twiddiba, din il-Qorti ma ghandha ebda dubju dettat mir-raguni li dak li stqarr l-appellant mal-ufficjali tal-Pulizija stqarru volontarjament u li l-istqarrija tieghu verbali ma gietx imgieghlha jew mehuda b’theddid jew biza’, jew b’weghdiet jew bi twebbil

ta’ vantaggi. Dan lanqas jirrizulta pruvat sal-grad tal-probabbli jekk jitqies li din hi sottomissjoni tal-appellant.

Jekk umbaghad l-appellant qed jipprospetta li n-nuqqas ta' twiddiba f' dan il-kaz tilledi d-drittijiet tieghu kostituzzjonali, din il-Qorti tqis tali sottomissjoni fic-cirkostanzi bhala wahda frivola. Del resto l-appellant moghti zmien biex iressaq lanjanza simili quddiem il-Qorti Civili, Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) naqas li jaghmel dan.

Ikkonsidrat;

Fl-affidavit tieghu (fol. 3 tal-process), PS 163 ROBERT AZZOPARDI ddikjara li fis-17 ta' Frar, 2008, ghall-habta tas-2am., waqt li kien l-ghassa tar-Rabat, kien gie infurmat minn PC 729 Kevin Decelis u PC 142 Robert Borda mill-Iskwadra tal-Mobile li fi Triq Panoramika, Dingli Cliffs, Had Dingli, kienu ghadhom kemm waqqfu vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBB 493 tal-ghamla Toyota Hilux, li ma kellhiex licenzja tal-vettura valida mwahhla mal-*windscreen* u li ma kienetx koperta b' polza valida tal-assigurazzjoni. Hu mar fuq il-post u hemm kellem lix-xufier li kien l-appellant. Dan qallu li ma kienx hallas il-polza tal-asskurazjoni tal-vettura in kwistjoni w ghalhekk ma kienetx koperta ghall-uzu fit-triq. Qal ukoll li ma kienx hallas il-licenzja tat-triq mis-sena 2000. Dan gie korroborat fis-sustanza bl-affidavits taz-zewg Pulizija tal-Mobile fuq imsemmija li jinsabu wkoll esebiti fil-process (Fols. 4 u 5.)

STEPHEN CACHIA, in rapprezentanza tal-Awtorita' dwar it-Trasport, xehed li l-vettura CBB 493 Toyota Hilux truck kienet registrata fuq Nikodemu Farrugia, u l-ahhar licenzja imhallsa kienet skadiet fil-31 ta' Marzu, 2000.

Ikkonsidrat;

Illi mbaghad l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi li :-

“Hadd ma jista’ juza ...... vettura tal-mutur fit-toroq kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura MINNU (emfasi ta’ din il-

Qorti) ...... ma tkunx tezisti polza ta' sikurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni...."

Illi t-test tal-ligi Ingliza li tkopri dil-materja w cioe' Sec. 143 (1) (a) tar-Road Traffic Act huwa kwazi identiku ghall-dan l-artikolu w jghid testwalment :-

*"a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle by that person such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act..."*

"Illi l-pozizzjoni fil-ligi w l-Qrati Inglizi hi hekk ukoll. Di fatti kif jghid l-**ARCHBOLD** [Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998, London, Sweet & Maxwell, p.2417] fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza:-

*"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time: **Philcox vs. Carberry** {1960} Crim. L.R. 563 , D.C."*

"Illi saret f' dik is-sentenza riferenza ukoll ghall **Criminal Law Review** , 1960 li b' riferenza ghal din is-sentenza fuq citata , kkumenta hekk :-

*"It is an established rule of evidence that where the truth of the party's allegation lies peculiarly within the knowledge of his opponent, the burden of disproving it lies upon the latter." {Halsbury's Laws of England , 3rd. ed. Vol.15 ,270} In the Criminal Law, it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some act in the absence of a licence or permission and similar cases . It was stated by Talbot J.,obiter , in "**Williams v. Russell**" (1933) 149 L.T. 190, that on a charge of using a motor vehicle without there being in force a policy of insurance, the onus was on the accused to prove he*

*had a policy. This would seem, with respect, a proper application of the principle and is confirmed by the present case .”*

“Umbaghad **BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** (1992) [Blackstone Press Limited , p.1788] jghid:-

*“In the case of driving without a licence, it is for the accused driver to prove that he is insured . (**Williams v. Russell** [1933] 149 LT 190 ; **Philcox v. Carberry** [1960] Crim. L.R. 563).”*

Illi umbaghad jekk qatt seta’ jkun hemm xi dubju dwar dan il-principju, dan gie eliminat fil-ligi taghna bl-emenda recenti introdotta bl-artikolu gdid 3 (1A) tal-Kap. 104 li jghid testwalment li :-

“*jkun prezunt li ma kienx hemm polza ta’ l-assigurazzjoni fis-sehh skond is-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu , kemm il-darba min jigi akkuzat b’ reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta’ l-assigurazzjoni mahrug taht is-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 4 ta’ din l-Ordinanza.”*

L-appellant pero' ma ressaq ebda prova kwalsiasi f' din il-kawza biex jipprova li kien kopert b' polza t' assikurazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------